# I. Epigrammi Umoristiċi (v)

## 81. DIJOĠNI*

Biex isib raġel sħiħ Dijoġni ħareġ
b'fanal mixgħul fid-dawl tax-xemx mid-dar;
jaħasra li ried nofs, kien isib bosta
li mar Ħal Qormi qabel nofsinhar.

** l-ilsien ħażin tal-poplu jgħid li l-Qormin huma rġiel sa nofsinhar, sal-ħin li jixorbu l-inbid.*

## 82. SANT ANTNIN

Kull siegħa, kull mument nieżel mis-sema
jiġbor u jagħti l-ħobż lit-tfal fqajrin,
ifittex xi għarus jew xi ċavetta;
ma jista' joqgħod qatt ħdejn il-Bambin.

## 83. TOBBA U SAKRANAZZI

"L-inbid għarraq eluf, aktar mill-baħar,"
qal it-tabib bil-għerf kollu minfuħ;
wieġeb is-sakranazz: "'Mma b'dana kollu
aktar hemm skaren milli tobba xjuħ!"

## 84. ŻEWĠ SIĠRIET

Mis-siġar ta' ġol-ġnien l-irġiel tad-dinja
għandhom jobogħdu tnejn b'mibgħeda soda;
is-siġra tat-tuffieħ tal-ewwel ħtija,
u dik tat-tin li ġabet l-ewwel moda.

## 85. LEJLET IT-TIEĠ

Rigali fuq rigali, dota kbira,
żjeda fil-paga wkoll, u ġid fuq ġid;
u żjeda ta' tliet snin f'għomor l-għarusa
waslet ukoll mal-fidi tat-twelid.

## 86. IS-SEGRIET

Ċikka qalet segriet lil Tona l-ġara,
u li ma tgħid lil ħadd ix-xewqa wriet;
Tona qalet lil Peppa, u Peppa lil Gejta,
kull waħda bil-ftehim li żżomm segriet.

## 87. IR-RIĦ TA' MALTA

Dari kien idawwar lill-imtieħen,
u jġib l-iskejjen mill-pajjiżi mbegħda;
illum tat-tfal ċkejknin xi tajra jgħolli,
u fl-Emigration tniżżel man-nies qegħda.

## 88. L-ARMA TAR-REJIET

Fuq l-arma tar-rejiet u n-nobbli kollha
xi annimal selvaġġ trid issib dejjem...
iljuni, tigri, u ajkli, donnhom jgħidu:
"La tistenniex raġun għax aħna bhejjem!"

## 89. JGHID L-ILLEĠITTMU

"Missieri miet tmien xhur qabel twelidi,
kull tant bejni u bejn ruħi naħseb jien,
xahar iżjed u xahar anqas xorta waħda,
aħjar miet xahrejn qabel dak iż-żmien!"

## 90. META MIETET VIVÌ

Meta mietet Vivì, Mikiel l-Arkanġlu
bagħtha lura mill-ġdid iġġib l-unur,
u damet ftit taż-żmien sa reġgħet lura,
għax kien imxerred għand il-ġuvintur.

## 91. TAQRA DEJJEM

Mixħuta fuq pultruna taqra dejjem,
u l-għerf ġo moħħha kull ma jmur jiżdied,
kif tikber mal-ħitan tal-kmamar tagħha
il-kotra tal-għanqbut u trab u swied.

## 92. IL-ĠEWŻ

Toninu xtara l-ġewż u beda jiekol,
u jagħżel bl-akbar gost l-aħjar l-aħjar,
sakemm tal-aħħar inzertat ħażina,
u mlietlu ħalqu kollu żejt u mrar.

## 93. MARÌ U KARMNI

Marì u Karmni ltaqgħu f'nofs ta' pjazza,
bdew jgħidu fuq in-nies u fuq id-dar;
l-arloġġ tal-knisja daqq u daqq bis-sabar,
'mma l-borma bla paċenzja nħarqet nar.

## 94. WAQT IT-TBERIK

"Sur Kappillan, jaħasra jiena fqira,
m'għandix ħasi għalik, vojt is-senduq;"
U dak il-ħin ħa jseddqu l-kelma tagħha,
qagħqu t-tiġieġ ilkoll, dena s-serduk!

## 95. WAQT IL-ĠABRA

Ħabbat il-bieb, il-kappillan ġie jiġbor;
qalet Marì lil bintha: "Ajma dawn!
mur għidlu ommi ħarġet." Niżżlet bintha:
"Sur Kappillan, qaltlek ommi mhix hawn."

## 96. MARLEEN

Marleen kienet pulita u ftaqret ħafna,
u waslet fl-aħħar sold u fl-aħħar lira;
u qabdet il-bastun, libset bħas-soltu,
ħarġet mat-triq tiġbor għal waħda fqira.

## 97. IL-PROTESTA TAN-NISA

"Dejjem il-lipstick tgħollu, r-rogue u t-terra;
protesti għal ta' xejn għax il-gvern trux;
fi ftit taż-żmien teqirdu lis-sbuħija,
flok nisa miżbugħin taraw l-uħux!"

## 98. ID-DIFNA

Miet il-kittieb, difnuh iċ-ċimiterju,
u ġismu ġewwa t-trab spiċċah id-dud;
u l-ktieb tiegħu difnuh fil-librerija,
tal-kamla mill-qtajjiet safa meqrud.

## 99. IL-ĦAKK

Il-ħakk, bħax-xorb, jekk tixrob ftit ituqek:
jekk tixrob ħafna tkun mal-maħruqin;
hekk ħafna ħakk ibiċċrek u jaħarqek;
'mma naqra ħakk togħġob lill-qaddisin.

## 100. IL-MUŻA

Il-Muża dari tmur ħdejn xi poeta
tieħu n-nuskata minn ġol-kaxxa tiegħu;
illum drat tmur u toqgħod sieq fuq oħra
u tieħu sigarett u tpejjep miegħu.